PROTOKOLL ADDIZZJONALI

għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja

L-UNJONI EWROPEA

u

R-RENJU TAN-NORVEĠJA

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmat fl-14 ta' Mejju 1973, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u l-arranġamenti eżistenti għall-kummerċ fil-ħut u prodotti tas-sajd bejn in-Norveġja u l-Komunità,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-perijodu 2009-2014 għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 u 3 tiegħu,

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-PROTOKOLL:

Artikolu 1

1. Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għalL-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja huma stabbiliti f'dan il-Protokoll u fl-Anness tiegħu.

2. Il-kwoti tariffarji annwali bla dazju huma stabbiliti fl-Anness għal dan il-Protokoll. Dawn il-kwoti għandhom ikopru l-perijodu mill-1 ta' Mejju 2014 sat-30 ta' April 2021. Il-livelli ta' kwoti għandhom ikunu riveduti sal-aħħar tal-perijodu waqt li jitqiesu l-interessi rilevanti kollha.

Artikolu 2

1. Il-kwoti tariffarji għandhom jinfetħu mill-jum li fih l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll issir effettiva, skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 5.

2. L-ewwel kwota tariffarja għandha tkun disponibbli mid-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll sat-30 ta' April 2017. Mill-1 ta' Mejju 2017 'il quddiem, il-kwoti tariffarji sussegwenti għandhom jiġu allokati kull sena mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April sal-aħħar tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.

3. Il-volumi tal-kwoti tariffarji li jkopru l-perijodu mill-1 ta' Mejju 2014 sal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu allokati proporzjonalment u jkunu disponibbli għall-bqija tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 3

In-Norveġja għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-kontinwazzjoni tal-arranġamenti li jippermettu t-tranżitu ħieles tal-ħut u l-prodotti tas-sajd li jaslu fin-Norveġja minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Meta jitqies il-perijodu mill-1 ta' Mejju 2014 għall-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll meta l-arranġament ta' tranżitu kien għadu mhux fis-seħħ, l-arranġament għandu japplika għal seba' snin minn dak il-jum li fih l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll issir effettiva.

Artikolu 4

Ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-kwoti tariffarji mniżżla fl-Anness għal dan il-Protokoll għandhom ikunu dawk stipulati fil-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmat fl-14 ta' Mejju 1973.

Artikolu 5

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jkun depożitat l-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.

3. Sakemm jitwettqu l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, dan il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tat-tielet xahar wara li jsir id-depożitu tal-aħħar notifika għal dan l-għan.

Artikolu 6

Dan il-Protokoll, imħejji f'oriġinal wieħed bl-ilsien Bulgaru, Kroat, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż u Norveġiż, bit-test f'kull wieħed minn dawn l-ilsna jkun ugwalment awtentiku, jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li ser jibgħat kopja ċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet.

Съставено в Брюксел на трети май през две хиляди и шестнадесета година.

Hecho en Bruselas, el tres de mayo de dos mil dieciséis.

V Bruselu dne třetího května dva tisíce šestnáct.

Udfærdiget i Bruxelles den tredje maj to tusind og seksten.

Geschehen zu Brüssel am dritten Mai zweitausendsechzehn.

Kahe tuhande kuueteistkümnenda aasta maikuu kolmandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τρεις Μαΐου δύο χιλιάδες δεκαέξι.

Done at Brussels on the third day of May in the year two thousand and sixteen.

Fait à Bruxelles, le trois mai deux mille seize.

Sastavljeno u Bruxellesu trećeg svibnja godine dvije tisuće šesnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì tre maggio duemilasedici.

Briselē, divi tūkstoši sešpadsmitā gada trešajā maijā.

Priimta du tūkstančiai šešioliktų metų gegužės trečią dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenhatodik év május havának harmadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tielet jum ta' Mejju fis-sena elfejn u sittax.

Gedaan te Brussel, drie mei tweeduizend zestien.

Sporządzono w Brukseli dnia trzeciego maja roku dwa tysiące szesnastego.

Feito em Bruxelas, em três de maio de dois mil e dezasseis.

Întocmit la Bruxelles la trei mai două mii șaisprezece.

V Bruseli tretieho mája dvetisícšestnásť.

V Bruslju, dne tretjega maja leta dva tisoč šestnajst.

Tehty Brysselissä kolmantena päivänä toukokuuta vuonna kaksituhattakuusitoista.

Som skedde i Bryssel den tredje maj år tjugohundrasexton.

Gjört í Brussel þriðja dag maímánaðar árið tvö þúsund og sextán.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



For Kongeriket Norge



ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 TAL-PROTOKOLL

Addizzjonalment għall-kwoti tariffarji mingħajr dazju permanenti eżistenti, l-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ il-kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju li ġejjin għall-prodotti li joriġinaw min-Norveġja:

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (01.05-30.04) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor (*)
0303 19 00	Salmonidae ffriżat ieħor	2 000 tunnellata
0303 51 00	Aringi tal-ispeċi *Clupea harengus* u *Clupea pallasii*, iffriżati, eskluż il-fwied u l-bajd (1),	26 500 tunnellata
0303 54 10	Kavalli tal-ispeċi *Scomber scombrus* u *Scomber japonicus*, iffriżati, eskluż il-fwied u l-bajd (1),	25 000 tunnellata
ex 0304 89 49 ex 0304 99 99	Kavalli, fletti ffriżati u faldi ffriżati	11 300 tunnellata
0303 55 30 ex 0303 55 90 0303 56 00 0303 69 90 0303 82 00 0303 89 55 0303 89 90	Sawrell taċ-Ċile (*Trachurus murphyi*), friżat Ħut ieħor, iffriżat, għajr sawrella kaħla (scad) (*Caranx trachurus*) Cobia (*Rachycentron canadum*) Ħut ieħor, iffriżat Raj (*Rajidae*) Awrat (*Sparus aurata*) Ħut ieħor, iffriżat il-prodotti kollha ħlief fwied u bajd	2 200 tunnellata
0304 86 00 ex 0304 99 23	Flettet friżati tal-aringa tal-ispeċi *Clupea harengus* u *Clupea pallasii*. Biċċiet iffriżati tal-aringa tal-ispeċi *Clupea harengus* u *Clupea pallasii* (1).	55 600 tunnellata
ex 0304 49 90 ex 0304 59 50	Flettet friski tal-aringa tal-ispeċi *Clupea harengus* u *Clupea pallasii*. Biċċiet friski tal-aringa tal-ispeċi *Clupea harengus* u *Clupea pallasii*.	9 000 tunnellata
ex 1605 21 10 ex 1605 21 90 ex 1605 29 00	Gambli u gambli kbar, imqaxxrin u ffriżati, preparati jew preservati	7 000 tunnellata
ex 1604 12 91 ex 1604 12 99	Aringa, imħawra u/ jew ippriservata fil-ħall, fis-salmura	11 400 tunellata netti mingħajr likwidi
0305 10 00	Dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	1 000 tunnellata

(1) Il-benefiċċju tal-kwoti tat-tariffa m'għandux jingħata għal oġġetti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa matul il-perijodu mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju.

(*) Il-kwantitajiet għandhom jiżdiedu f'konformità mal-Artikolu 2(3) tal-Protokoll Addizzjonali.